**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017

Talba Numru: 373/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 34

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu, Marsa**
**MRS 1501**
**Vs**

**Deandra Mallia (378495M)**
**52, Bonell Mans, Fl B1,**
**Triq Misrah il-Barrieri,**
**Santa Venera**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2016 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet minghand l-konvenut l-hlas ta' disa' mija u ghoxrin ewro u disgha u hamsin centezmu (€920.59c) in konnessjoni ma servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta attrici il konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40431679.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-

termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deheret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-socjeta attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li sema' lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa' mija u ghoxrin ewro u disgha u hamsin centezmu (€920.59c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali jew l-Avviz tat-Talba skond liema wiehed jigi l-ewwel, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**